**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 1004/12JZM**

**Primitive African Art Limited socjeta` estera registrata gewwa l-British Virgin Islands**

***kontra***

**Henri Baudet (03ID4536) ;**

**Maher Mellouli (08CV49726) u b`digriet tat-30 ta` April 2013 gew nominati l-Av. Dr Noel Bartolo LL.D. u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Maher Mellouli ;**

**Dirk Borgers (EE 295496) ;**

**Gencon Limited (C47173) li b`digriet ta` l-4 ta` Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal Gencon International Limited ;**

**Best Inter Limited (C34262) ;**

**Mediterranean Oil Traders Limited (C49026) ;**

**Aviacom Limited (C47174) ;**

**Sealandair International Limited (C47176) u b`digriet ta` l-4 ta` Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal Sealandair Energy International Limited ;**

**Syaufin Southern Europe Limited (C53059) ;**

**S.C.I Limited (C46885) li b`digriet ta` l-4 ta` Lulju 2013 l-isem gie sostitwit ghal S.C.I Consultants Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil- 5 ta` Ottubru 2012 li jaqra :–

*1. Illi s-socjeta rikorrenti, senjatament Primitive African Art Limited (minn hawn il-quddiem PAA), hija kumpannija legalment registrata, sa mas-sitta(6) ta` Ottubru 1997, gewwa il-Britsh Virgin Islands bin-numru ta` registrazzjoni 251483 u dana kif ahjar indikat fil-memorandum and articles of association huwa annessi u mmarkati bhala* ***PAA1;***

*2. Illi sa mis-sena ta` registrazzjoni tal-kumpannija u cjoe` is-sena 1997, is-socjeta attrici hatret lil Allied Services li hija kumpannija registrata gewwa Geneva bhala fiducjarju ta` PAA, u li minn naha taghha hatret lil Henri Baudet sabiex jagixxi f`isimha, u dana taht titolu specifiku u li tagixxi* ***biss u esklussivament*** *fl-interess u fuq struzzjonijiet tas-socjeta` benificjarja PAA;*

*3. Illi fid-data ta` registrazzjoni u snin sussegwenti, minbarra li okkupa l-kariga ta` fiducjarju tas-socjeta` rikorrenti, Henri Baudet agixxa ukoll bhala direttur u President ta` l-istess socjeta` PAA, u dana kif ukoll indikat fic-certifikat ta` registrazzjoni hawn anness u mmarkat bhala* ***PAA2;***

*4. Illi minkejja s-suespost, u minkejja l-principju li japplika ergo omnes u cjoe` li Direttur ta` kumpannija ghandu l-obbligu li jagixxi dejjem fl-interess tal-kumpannija, permezz ta` transazzjonijiet mhux awtorizzati, l-flus hawn fuq surruferiti gew imnezza u mnaqqsa mill-patrimonju ta` PAA u dana wara li l-intimat Henri Baudet fuq meddha ta` numru ta` snin, trasferixxa dawn il-flus lil terzi minghajr ma` kien awtorizat sabiex jaghmel dan;*

*5. Illi jirrizulta minn xiehda moghtija mill-istess Henri Baudet fi proceduri kriminali li prezentament ghaddejjien gewwa l-Canton ta` Geneva, u dana wara li fil-25 ta` Gunju 2012 l-intimat Baudet gie pprezentat b`att akkuza mill-pubbliku Ministeru ta` Geneva, l-intimat ammetta li trasferixxa l-fondi minghajr awtorizzazzjoni (kopja ta` l-att ta` akkuza tal-Canton ta` Geneva anness u mmarkat bhala **PAA3**);*

*6. Illi minn stharrig li sar, jidher li fost il-kumpaniji li bbenefikaw minn dawn it-trasferimenti hemm numru ta` kumpanniji registrati gewwa Malt, senjatament Gencon International Limited numru ta` registrazzjoni C47173, Sealandair Energy International Limited numru ta` registrazzjoni C47176, Mediterranean Oil Traders Limited numru ta` registrazzjoniC49026, Syaufin Southern Europe Limited numru ta` registrazzjoni C530590, kif ukoll Best Inter Limited numru ta` registrazzjoni C34262, ilkoll inkluzi bhala intimate fil-kawza odjerna;*

*7. Illi di piu, mill-istess xiehda hawn fuq surruferita jidher li l-istess intimat Henri Baudet trasferixxi uhud mill-fondi li jippartjenu lis-socjeta` rikorrenti, lil intimati Maher Mellouli u Dirk Borgers, u dana bi pregudizzju u dejjem a skapitu ta` l-interessi tas-socjeta` PAA;*

*8. Illi huwa importanti li jinghad li l-intimati Maher Mellouli u Henri Baudet, huma azzjonisti u/jew diretturi ta` uhud mill-kumpaniji registrati gewwa Malta, u allura l-konnessjoni bejniethom hija wahda stretta hafna;*

*9. Illi bil-ghan li tintilef kull tracca possibli u ghaldaqstant b`intenzjoni ta` ingann, dejjem a skapitu ta` l-interessi tas-socjeta` rikorrenti, dawn it-transazzjonijiet segwew diversi rotot, li jinkludu depoziti gewwa banek fil-Belgju, fi Franza, fl-Italja, kif ukoll gewwa Malta;*

*10. Illi huwa imperattiv li jigi ukoll indikat li certu fondi gew zvestiti mill-patrimonju ta` PAA permezz ta` numru ta` transazzjonijiet mhux awtorizzati, u li allegatament sehhew bejn il-wiehed u tletin ta` Marzu elfejn u sitta (31/03/2006) u s-sbatax ta` Frar elfejn u disa (17/02/2009), u dana sabiex jigi ffinanzjat dak li skont l-intimat Henri Baudet kellu jissejjah `Project libyen`, progett li jidher li kien qieghed isir flimkien ma` l-intimat Dirk Borgers;*

*11. Illi in vista tas-suespost gie ntavolat mandat ta` sekwestrju kawelatorju fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-ismijiet `Primitive African Art Limited kontra Henri Baudet et.` (1389/2012) u dana sabiex l-interessi tas-socjeta` rikorrenti jigu mharsa u protetti (kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **PAA4**);*

*12. Illi in oltre, l-intimat Maher Mellouli, li huwa persuna mwielda t-Tunezija li izda b`nazzjonalita Franciza, flimkien ma` socjeta` Ingliza bl-isem ta` Meditteranean Oil Trading Limited, prezentament qed jistennew l-ezitu ta` l-appell wara li nstabu hatja waqt proceduri kriminali gewwa l-Belgju, u dana ukoll marbutin ma` l-azzjonijiet mwettqa fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti PAA, kif ahjar spjegat fid-dokument ufficjali tas-7eme chambre tal-pubbliku Ministeru Belgjan, kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **PAA5;***

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet permessi, jogghobha :*

*i) Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment responsabbli ghall-agir u komportament li wassal lis-socjeta` attrici sabiex tigi zvestita minn flusha u dana bi ksur inter alia ta` artikolu 1856 et. seq. tal-Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta.*

*ii) Tiddikjara u tillikwida l-istess l-ammont li s-socjeta` attrici sofriet per konsegwenza tal-istess agir u komportament tal-konvenuti, jew min minnhom.*

*iii) Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma dikjarata u likwidata minn din l-Onorabbli Qorti u dana bhala l-ammont zvestit mis-socjeta` attrici, bl-imghaxxijiet sal-pagament effettiv.*

*iv) Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta` esperti nominanti minn din l-Onorabbli Qorti, lill-intimati in solidum bejniethom, jew min minnhom, ihallsu d-danni li gew ikkawzati mill-agir u l-komportament taghhom.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inguniti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xiehda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw fil-15 ta` Mejju 2013 il-kuraturi deputati li kienu mahtura sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Maher Mellouli, li taqra hekk :–

*1. Illi f`dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f`dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandha dwar kull mezz ta` komunikazzjoni mal-intimat, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.*

*2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti l-ohra kienu debitament notifikati skont il-ligi baqghu ma pprezentawx risposta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti lohra tal-kawza.

## II. Provi

**Romuald Attard** – Senior Manager fl-Ufficcju Legali ta` Bank of Valletta plc – xehed illi l-kumpannija Sealandair International Limited (C47176) ghandha zewg kontijiet bankarji li nfethu fl-1 ta` Gunju 2011. Ma saru l-ebda transazzjonijiet fiz-zewg kontijiet li huma kolpiti b`mandat ta` sekwestru. Is-socjeta` S.C.I. Limited (C46885) ghandha kont *savings* li nfetah fid-29 ta` Mejju 2009. Aviacom Limited (C47174), Mediterranean Oil Traders Limited (C49026) u Gencon Limited (C47173) kollha ghandhom kont il-Bank of Valletta plc. Maher Mellouli ghandu wkoll kont mal-bank. Il-kumpannija Best Inter Limited (C34262) ghandha tlett kontijiet. Dirk Borgers ghandu kont wiehed. Syuafin Southern Europe Limited (C53059) u Henri Baudet m`ghandhomx kontijiet.

Kompla jixhed illi meta jigi biex jinfetah kont bankarju minn kumpannija estera, jittiehdu mizuri apoziti fosthom dawk ta` *due diligence.* Bhala prassi, tintalab kopja tal-*memorandum* u ta` l-*articles of association* tal-kumpanniji li jkunu jridu jifthu kont. Meta jkunu ser jidhlu jew johorgu certu ammonti ta` flus, il-bank jitlob informazzjoni lill-*account holder* u dana in linea mar-regolamenti dwar hasil ta` flus. Il-bank ikun irid ikun jaf minn fejn ikunu gejjin il-flus u jitlob prova ta` dan.

Qal li Maher Mellouli huwa direttur u firmatarju ta` diversi kumpanniji li ghandhom kontijiet mal-Bank of Valletta plc. Il-kontijiet ta` Mellouli huma kollha trattati mill-International Corporate Centre. Ghalkemm ikunu kumpanniji registrati Malta, xorta wahda l-kontijiet taghhom jigi gestiti mill-International Corporate Centre ladarba d-direttur ma jkunx cittadin Malti.

**Dr. Suzanne Wolfe Martin** xehdet li hija avukat li tahdem go Ginevra fl-Isvizzera u kienet kontattata mill-*beneficial owner* ta` s-socjeta` attrici li huwa Pierre Amrouche, espert tal-arti Afrikana.

Kompliet tixhed illi s-socjeta` attrici nkarigat kumpannija Svizzera biex tagixxi bhala fiducjarja taghha. Amrouche ffirma ftehim fiducjarju ma` Henri Baudet fit-22 ta` Dicembru 1997. Skont il-ligi vigenti, fiducjarju ried jagixxi skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu.

Stqarret illi mis-sena 2006, Henri Baudet beda jiehu fondi mill-kontijiet ta` s-socjeta` attrici ghall-uzu personali tieghu, ta` Maher Mellouli u

ta` Dirk Borgers. Baudet ammetta dan meta kien konfrontat bil-fatt li ma kienx baqa` fondi fil-kontijiet ta` s-socjeta` attrici u kollox kien riportat go dokument datat 25 ta` Gunju 2012. Fil-presenza taghha, Baudet ammetta li huwa kien ha flus minn tas-socjeta` attrici u ghamel uzu minnhom ghan-nom tas-socjeta` attrici ghal investimenti f`operazzjonijiet ta` zejt Libjan. Irrizulta wara li dan ma kienx minnu. Il-procedura kollha kienet finalizzata fl-Isvizzera izda ma tista` ssir l-ebda azzjoni addizzjonali hemm peress li fl-Isvizzera ma hemmx fondi.

Kompliet tixhed illi fit-12 ta` Mejju 2009, sar trasferiment ta` EUR 95,000 a favur ta` Best Inter Limited. Imbaghad fit-13 u fl-14 ta` Mejju 2009 intbaghtu EUR 150,000 kull darba. Fid-9 ta` Jannar 2008, intbaghtet ittra minn Henri Baudet lil Dirk Borgers fejn dan kien infurmat li EUR 700,000 kienu gew trasferiti lil Maher Mellouli. Sar hekk ghaliex Borgers ma riedx li jkun hemm flus jidhru fil-kontijiet bankarji tieghu.

Ipprezentat dokument datat 7 ta` Mejju 2009 iffirmat minn Saif Gaddafi u mibghut lil Dirk Borgers.

Fissret illi sar rapport verbali mal-pulizija fil-Belgju. Sa dak iz-zmien kulma kellha f`idejha kienet l-ammissjoni ta` Baudet u l-konnessjoni ta` Borgers u Mellouli. Kien skopert li kien hemm investiment mis-socjeta` attrici ta` ammont sostanzjali ta` flus fi progett taz-zejt fil-Libja. Kienet il-pulizija Belgjana li ndikat il-kumpanniji Maltin li kienu nvoluti.

Kompliet tfisser illi l-awditur tal-kumpanniji eskluza biss Syaufin Southern Europe Limited kien Joe Sammut. Saru mandati ta` sekwestru ghall-ammont ta` €6.5 miljun kontra l-konvenuti. Waslu ghall-ammont abbazi ta` ammissjoni ta` Baudet stess.

Sostniet li l-proceduri fl-Isvizzera kienu lesti waqt li saru kawzi civili fil-Belgju.

Xehdet illi s-socjeta` attrici kienet zvestita mill-assi taghha. Baudet kien direttur ta` s-socjeta` attrici u kellu l-awtorita` li jinnegozja ghan-nom taghha izda dik l-awtorita` tieghu kienet limitata fis-sens li huwa seta` biss jagixxi in linea ma` l-istruzzjonijiet li kienu inghataw minn Pierre Amrouche. Dan qatt ma kellu negozju ma` Mellouli jew Borgers. Fil-fatt Baudet uza lis-socjeta` attrici sabiex jiskambja korrispondenza ma` Mellouli u Borgers.

Kompliet tixhed illi fil-Belgju kien hemm kawzi pendenti kontra Mellouli dwar flejjes li mmizapproprija ghad-dannu ta` terzi.

Sostniet illi s-socjeta` attrici u Amrouche qatt ma kellhom relazzjonijiet mal-Bank of Valletta jew ma` Malta. Lanqas ma kellu Amrouche xi relazzjoni ma` Best Inter Limited.

Qalet illi Henri Baudet kien l-uniku direttur u kien hu biss li kien awtorizzat li jagixxi ghan-nom ta` s-socjeta` attrici.

**Pierre Amrouche** xehed illi huwa espert ta` arti Afrikana, arti tribali ta` l-Amerka ta` Fuq u *oceanic art.*

Xehed illi Henri Baudet kien ha l-flus tas-socjeta` attrici. Intebah b`dan meta talab lil Baudet biex ihallas kont fl-Amerika u sab li ma kienx hemm flus. Spjega li Baudet kien qed jurih dokumenti foloz billi jurih l-ammonti li kien hemm fil-bank b`tali mod u manjiera li huwa ma setax jinduna li kien qed iqarraq bih u jimmizapproprija ruhu minn flusd tas-socjeta` attrici. Il-konsegwenza ta` dan kollu kien illi huwa spicca bla flus u kien kostrett jerga` jmur jahdem ma` *auction companies.*

Kompla jixhed illi huwa ltaqa` ma` Henri Baudet fl-Isvizzera fejn dan kien jahdem ma` kumpannija tas-servizzi finanzjarji li kienet irrakkomandat lil Baudet. Din il-kumpannija kienet tiehu hsieb tixtri u tbiegh *stocks.* Baudet kien iddecieda li jifforma kumpannija tieghu u huwa fdah. Baudet seta` jiehu hsieb il-fondi tal-kumpannija attrici. Huwa huwa kien ikun l-Afrika u kien jaghti struzzjonijiet bit-telefon lil Baudet biex jibghatlu flus. Il-l-mandat ta` Baudet kien biss li jixtri u jbiegh arti Afrikana. Kien huwa li kellu jaghti struzzjonijiet dwar x` arti kellha tinxtara jew tinbiegh.

Stqarr illi s-socjeta` attrici hija registrata fil-British Virgin Islands. Baudet biss kellu mandate u hadd aktar. Huwa ltaqa` ma` Baudet fl-1984 u l-kumpannija attrici saret fl-1996. Il-problemi bdew fl-2008.

Kompla stqarr illi meta nduna b`dak li kien qed jigri, huwa tkellem mal-bank fl-Isvizzera u dawn iffrizaw il-kontijiet, izda dawn kienu diga` tbattlu mill-flus.

Fisser illi huwa qatt ma kien involut f`negozju ma` Malta. Ma kienx jaf min kienu Maher Mellouli, Dirk Borgers, Gencon Limited, Best Inter Limited, Mediterranean Oil Traders Limited, Aviacom Limited, Sealandair International Limited u Syaufin Southern Europe Limited.

Kompla fisser illi Baudet qatt ma ghaddielu dokumenti tal-Bank of Valletta biex jiffirmahom. Baudet kien fdat b`ammonti ta` madwar €6.6 miljun. Dawn il-flejjes kienu ntizi sabiex ikun jista` jixtri l-arti. Qal li huwa ha proceduri kontra Baudet fil-Belgju. Huwa sostna li skopra kollox meta waqqaf il-mandat ta` Baudet u ra mid-dokumenti li kienu saru trasferimenti madwar id-dinja lil nies li huwa lanqas kien jaf.

Xehed illi mill-proceduri legali li saru fl-Isvizzera, Baudet instab hati u nghata sentenza sospiza.

Huwa qal li ma jafx fejn hu Baudet u lanqas ma jrid jiltaqa` mieghu. Baudet ammetta li huwa seraq madwar €6.5 miljun minghand is-socjeta` rikorrenti. Bin-negozju li seta` jaghmel bil-flus li hadlu, huwa seta` jaghmel profitt ta` bjn 30% u 50%.

Sahaq illi l-flus li kellu fil-kumpannija rikorrenti kienu ntizi ghan-negozju ta` l-arti Afrikana u ghal ebda skop iehor.

**Simon Azzopardi** – Ufficjal Responsabbli - International Corporate Centre – Bank of Valletta plc – xehed illi kien ilu fil-kariga mill-2011. Fl-2006 kien jaghmel xoghol ta` *corporate finance* ghal Bank of Valletta plc.

Xehed illi Henri Baudet u Syaufin Southern Europe Limited ma kellhomx relazzjoni ma` l-bank, mentri Maher Mellouli, Dirk Borgers, Gencon Limited, Best Inter Limited, Mediterranean Oil Traders Limited, Aviacom Limited, Sealandair International Limited u SCI Limited kellhom.

Stqarr illi Maher Mellouli fetah kont maghhom fil-11 ta` Mejju 2010, Dirk Borgers fit-23 ta` Marzu 2011, Gencon Limited fl-4 ta` Gunju 2010, Best Inter Limited fid-9 ta` Settembru 2004, Mediterranean Oil Traders Limited fil-5 ta` Marzu 2010, Sealandair International Limited fl-1 ta` Gunju 2011, Aviacom Limited fis-16 ta` Marzu 2011 u SCI Limited fid-29 ta` Mejju 2009.

Fisser li l-bank izomm id-dritt li jitlob referenza meta jkun ser jinfetah kont. Hekk sar fil-kaz in ezami. Fil-fatt inghata referenza fil-kaz ta` Mellouli u SCI Limited mill-awditur Joseph Sammut.

Xehed illi fil-kaz ta` kumpanniji, tintalab il-presentata tal-*memorandum* u l-*articles of association*. Fil-kaz tal-kumpanniji in kwistjoni, kien jidher Mellouli u ghalhekk fil-kaz tieghu kienet intalbet referenza wahda. Sar *due diligence test* fuq kull kumpannija. Maher Mellouli kien direttur ta` Best Inter Limited. L-azzjonisti ta` Best Inter Limited kienu Maher Mellouli u Maher Modammed Ali Ziani. Id-*due diligence test* isir fuq il-partijiet involuti fil-kumpannija, ossija d-diretturi u l-azzjonisti. Dak iz-zmien jekk il-persentagg ta` ishma kien ikun ta` inqas minn 25%, il-bank ma kienx jirrikjedi li jsir *due diligence test* fuq l-azzjonist minoritarju. Fil-kaz ta` Best Inter Limited, ikkonferma li ntalbu l-*memorandum* u l-*articles of association,* u sar *due diligence* ta` Mellouli kif ukoll kontrolli ohra, bhal produzzjoni tal-passaport.

Stqarr illi qabel infethu l-kontijiet, saru l-kontrolli kollha li kienu rikjesti mill-bank. Dwar *safe watch* dan sar minn taqsima tal-bank. Spjega li fit-8 ta` Lulju 2010, sar depozitu ta` US$ 100,000 fil-kont ta` Best Inter Limited. Saru wkoll depoziti ohra go kontijiet ohra ta` Best Inter Limited fl-ammonti ta` EUR 150,000 u EUR 95,000. Il-bank ikollu nota tas-sors ta` l-entrati tal-flus. Il-flus gew minghand is-socjeta` attrici tramite l-bank Coutts & Co ta` Zurich.

Kompla stqarr illi l-*objects* ta` Best Inter Limited kienu : *consulting services in various fields of services, products and all kinds of industry, trade, vocation and profession* kif ukoll *supplies to water and petroleum industries, consulting and constructing activities of all kinds and of projects and investment of moneys.*

Qal illi peress li l-flus waslu ghandhom minn bank ta` reputazzjoni tajba, ma sarux kontrolli dwar is-socjeta` attrici peress li ricerka ta` dik ix-xorta tkun diga saret mill-bank li jkun qed jibghat il-flus. Jekk jinsorgu suspetti, isir kuntatt bejn il-banek.

Stqarr illi l-flus trasferiti kienu ghal mizati professjonali u spejjez ohra, fosthom EUR 35,064 bhala hlas ta` kera ta` ufficcju. Kien hemm ukoll flus li thallsu lil Maher Mellouli ghal konsulenzi. Il-flus marru favur Mellouli. L-ufficcju ta` Best Inter Limited kien 27, Grognet Street, Mosta. Dan huwa l-indirizz ta` l-ufficcju ta` Joseph Sammut. Fil-hlas li sar ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn il-hlas tal-kera u l-indirizz registrat. Ma kellux

dettalji dwar lil min thallset il-kera minn Best Inter Limited. Fil-kaz ta` suspetti tintalab ricevuta ; fil-kaz tal-lum ma kinitx intalbet ricevuta.

Mistoqsi dwar SCI Consultants Limited, xehed illi fl-24 ta` Settembru 2009 saret transazzjoni fl-ammont ta` €196,331, mentri fit-3 ta` Novembru 2009 saret transazzjoni ohra ta` €149,975. Fit-18 ta` Awissu 2009, saret transazzjoni ta` €300,000 li kienet *inward swift payment* gej minn Holli Group SA. Fit-18 ta` Jannar 2010, saret transazzjoni ta` €125,000 li kienet gejja minghand is-socjeta` attrici u d-dettalji maghha kienu : "Borges final p/t".

Xehed illi SCI Consultants Limited kienet topera fis-settur ta` *business development.* Id-direttrici u firmatarja ta` l-kumpannija kienet Sabrina Mabrouk El Marimi. Kienu jsiru transazzjonijiet bejn kumpanniji li jirrapprezenta Maher Bellouli. Kienu gew introdotti minn Joe Sammut u kellhom l-istess *registered office* tieghu. Fil-kaz ta` din il-kumpannija, intalab il-passaport tad-direttrici u ngabet referenza minghand Joe Sammut. Normalment kumpannija tkun domandata kemm flus tkun ser tinnegozja bihom ; fil-kaz partikolari, issemmiet is-somma ta` EUR 100,000. Dan l-ammont jidher li nqabez f`temp ta` tlett xhur ; u ghalhekk il-bank gieli jistaqsi xi jkun gara biex ikun hemm din il-qabza.

Stqarr illi l-bicca l-kbira tan-negozju ta` Joe Sammut kien gej mil-Libja. Joe Sammut kien li ghamel ir-referenza. Sabrina Mabrouk hija Libjana u ghalhekk kien hemm prezunzjoni li n-negozju kien jirrigwarda s-suq Libjan. Sostna izda li ma kienx hemm dokumenti li jaghmlu l-prova li n-negozju kien qed isir il-Libja. Il-kont kien ghadu miftuh ghax kien kolpit b`mandat ta` sekwestru fuqu. Bejn l-2009 u l-2012, dahlu fil-kont mas-€750,000.

Kompla jixhed illi l-*objects clause* ta` s-socjeta` Aviacom kienet tkopri *general aviation business, import and export of aviation equipment* u *software consultancy services* b`*powers to lend, borrow and invest to act as agents.* Best Inter Limited kienet tiehu hsieb *on behalf of others as principals, managers or brokers, provide inspection services, consultant services in various fields and products in all kinds of industry, trade, vocation or profession; suppliers to the water and petroleum industries, suppliers of architectural, precision photographic services and consultancy activities worldwide for all kinds of projects; investments of moneys of the company, lend, advance or borrow and act as agents.* Gencon International Limited kellha bhala *object* : *construction and related trades in Malta and oversees, investment and borrow, act as agent.* Mediterranean Oil Traders kellha l-ghan : *oversees petroleum and gas industry, consultancy and advisory service, lend, invest, and borrow, act as*

*agent.* SCI Consultants Limited kellha bhala ghan : *consultancy, professional and advisory services, information and management services, lend and borrow* waqt illi Sealandair International Limited kellha : *marketing, purchasing, disposing, energy, petroleum, gas derivatives and auction services.*

Fisser illi bhala azzjonisti, Aviacom kellha lil Maher Mellouli u Mediterranean Oil Traders Limited filwaqt li l-firmataja kienet Svetlana Partitiska. Mediterranean Oil Traders Limited kellha bhala azzjonista, direttur u firmatarju lil Maher Mellouli. Best Inter Limited kellha bhala azzjonisti Maher Mellouli u Ali Zani bil-firmatarju ikun Maher Mellouli. L-azzjonisti ta` Gencon International Limited kienu Maher Mellouli u Best Inter Limited, filwaqt li d-direttur u l-firmatarju kien Maher Mellouli. Fil-kaz ta` SCI Consultants, l-azzjonista, direttur u firmatarja kienet Sabrina Mabrouk.

Stqarr illi l-flus li ghaddew fil-kontijiet rispettivi ta` l-konvenuti kienu (i) Best Inter Limited : US$ 27,307, US$ 750,115 u US$ 105,000 ; (ii) Aviacom Limited : EUR 93,529 ; (iii) Dirk Borgers : EUR 207,100 ; (iv) Gencon International Limited : EUR 310,586 ; (v) Mediterranean Oil Traders Limited EUR 512,683 ; (vi) Mellouli Maher : EUR 193,281 u EUR 75,000 ; (vii) SCI Consultants Limited : EUR 804,895 ; u (viii) Sealandair Energy International Limited ma ghaddewx flus fiha. Kollox sar via *internet banking* jew mezzi ohra.

Kompla stqarr illi l-bank ghandu sistemi tieghu biex jaghmel verifika ta` l-provenjenza ta` dawn il-fondi. Il-bank jiehu hsieb li jkun qed jittratta ma` banek ta` reputazzjoni bhalma gara fil-kaz odjern. Dwar *due diligence.* huwa spjega li saret identifikazzjoni u verifika tar-rekwiziti ghal registrazzjoni, talba ghal referenza kif ukoll kontroll fuq *air check* li hija *database* internazzjonali. Fil-kaz ta` Dirk Borgers saret referenza minn bank.

Xehed illi l-uniku konnessjoni bejn il-bank u s-socjeta` attrici kien meta saru erba` jew hames pagamenti lil uhud mill-kumpanniji konvenuti. Is-socjeta` attrici qatt ma kienet klijent tal-bank. Il-bank beda jinvestiga nternament wara li kien notifikat bil-mandati ta` sekwestri u kien allertat li kien hemm xi haga hazina jew irregolari.

## III. <u>Kontumacja</u>

Aktar kmieni, il-Qorti stabbiliet il-posizzjoni ta` kull konvenut wara li kulhadd kien notifikat. Hlief ghal Maher Mellouli (tramite kuraturi deputati) il-konvenuti l-ohra ma pprezentawx risposta.

Tajjeb jinghad illi skont il-ligi, il-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma` ammissjoni.

Fis-sentenza li tat fit-22 ta` Gunju 2005 fil-kawza fl-ismijiet "**Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

> *huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa` kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta` jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut - Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*

Fis-sentenza li tat fis-27 ta` Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**" il-Qorti ta` l-Appell irrimarkat hekk :-

> *Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa` kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta` l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.*
>
> *Dana ma jfissirx pero` li l-Qorti tista` tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta` jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell in re **Hammet vs Genovese** moghtija fil-31 ta`Jannar 1991 :*
>
> *"Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni Pubblika.*
>
> *Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix*

*rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta` principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza."*

## IV. <u>L-azzjoni</u>

L-azzjoni kienet promossa mis-socjeta` attrici abbazi ta` obbligazzjonijiet naxxenti minn relazzjoni li s-socjeta` attrici kellha ma` Henri Baudet.

Din ir-relazzjoni kienet dik ta` bejn mandant u mandatarju.

Is-socjeta` qeghda timputa responsabilita` lill-mandatarju ghaliex tikkontendi li bl-agir tieghu l-mandatarju wassal lis-socjeta` attrici sabiex tkun svestita minn flusha.

Is-socjeta` attrici tallega li kien hemm ksur tal-Art 1856 et seq tal-Kap 16.

Huwa evidenti illi dan kien il-binarju maghzul mis-socjeta` attrici sabiex tindirizza l-azzjoni odjerna.

## V. <u>Il-mandat</u>

Il-mandat huwa regolat bl-Art 1856 sa 1890 tal-Kodici Civili.

Il-mandat huwa kuntratt fejn persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.

Il-mandat jista' jkun specjali, jekk jinghata ghal haga wahda jew ghal xi hwejjeg determinati biss, jew generali, jekk jinghata ghall-affarijiet kollha.

**<u>L-Art 1856 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.*

*(2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax il-mandat.*

**L-Art 1857 tal-Kap 16** jaqra illi :-

*(1) Il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta` jaghmel huwa nnifsu.*

*(2) Bla hsara ta` kull dispozizzjoni specjali ohra tal-ligi, il-mandat jista` jinghata b`att pubbliku, b`kitba privata, b`ittra, jew bil-fomm, jew ukoll tacitament.*

*(3) Mandat irrevokabbli moghti bhala garanzija kif specifikat fl-artikolu 1887(1) ghandu jinghata bil-mitkub taht piena ta` nullità.*

**L-Art 1858 tal-Kap 16** ighid illi l-*accettazzjoni tal-mandatarju tista` wkoll tkun tacita u tista` tidher mill-fatt.*

**Fl-Art 1861 tal-Kap 16** jinghad illi *l-mandat hu bla hlas jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.*

Imbaghad l-**Art 1862 tal-Kap 16** ighid :-

*Il-mandat huwa specjali, jekk jinghata ghal haga wahda jew ghal xi hwejjeg determinati, biss; jew generali, jekk jinghata ghall-affarijiet kollha tal-mandat.*

Skont l-**Art 1863 tal-Kap 16**,

*(1) Fil-mandat moghti bi kliem generali, jidhlu biss l-atti ta` amministrazzjoni.*

*(2) Is-setgha sabiex isiru trasferimenti ta` beni, minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti tal-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew sabiex isiru atti ohra ta` proprjetà, ghandha tkun espressa.*

Fl-**<u>Art 1864 tal-Kap 16</u>**, jinghad illi l-*mandatarju ma jista` jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat.*

Fl-**<u>Art 1868 tal-Kap 16</u>**, insibu li *meta persuna tigi mqabbda biex taghmel haga fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xoghol taghha, minghajr ma jigu espressament limitati s-setghat taghha, jitqies li lil din il-persuna inghatat is-setgha li taghmel dak kollu li jidhrilha mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xoghol hawn fuq imsemmijin, jista` jigi maghmul minnha.*

Skont l-**<u>Art 1873 tal-Kap 16</u>**, il-*mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa` inkarigat, u fil-kaz ta` nuqqas ta` esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u l-imghaxijiet. Huwa wkoll obbligat li jispicca l-affari li jkun beda qabel il-mewt tal-mandant, jekk id-dewmien jista` jkun ta` hsara.*

L-**<u>Art 1874 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*(1) Il-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-ghemil doluz, izda wkoll ghal negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.*

*(2) Izda, din ir-responsabbiltà, kwantu ghan-negligenza ghandha titqies b`mod anqas sever fil-kaz ta` dak li l-mandat tieghu jkun bla hlas, milli fil-kaz ta` dak li l-mandat tieghu jkun bil-hlas ….*

Fl-**<u>Art 1878 tal-Kap 16</u>**, jinghad illi l-*mandatarju ghandu jaghti l-imghaxijiet tas-somom illi, minghajr is-setgha tal-mandant, ikun inqeda bihom ghall-uzu tieghu nnifsu, minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta` kull somma ohra li taghha jkun baqa` debitur lejn il-mandant, minn dak in-nhar li jkun gie mqieghed in mora, bla hsara, fiz-zewg kazijiet hawn fuq imsemmija, tal-uzi tal-kummerc.*

L-**<u>Art 1880 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*(1) Il-mandant ghandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setghat li huwa jkun tah.*

(2) *Hu mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta` dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta` Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet "**Raymond Caruana noe vs Il-Ministru tal-Ambjent et**" saret referenza ghad-decizjoni li kienet tat il-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1936 (u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta` Dicembru 1936) fil-kawza "**Vassallo noe vs Ebejer**" fejn inghad illi l-*mandante non e` obbligato per quello che il mandatario avesse fatto oltre tali facolta`, se cio` non e` stato espressamente o tacitamente ratificato. La ragione di tale disposizione e` chiara e evidente: manca il consenso del mandante per tutto cio` che il mandatario compie eccedendo i limiti del mandato; onde tali atti si considerano come non avvenuti riguardo al mandante; essi non gli giovano ne` lo pregiudicano; sono res inter alios acta".*

Kompla jinghad hekk :-

*" … peress illi n-nullita` hija assoluta, u l-att huwa totalment inezistenti, il-mandant jista` jiddiskonoxxi dak l-att u lanqas jagixxi bl-azzjoni tan-nullita`, ammenokke` bhal dan il-kaz, ma jkollux interess illi l-mandatarju jkun kundannat ghall-effetti tan-nullita`, u f`dan il-kaz l-azzjoni tan-nullita` hija diretta mhux biex il-Qorti tiddikjara illi dak il-bejgh jigi annullat, imma biex tiddikjara, ossija tikkonstata, illi dak l-att huwa totalment inezistenti u null di fronti ghall-mandant ab initio, u qatt ma ezista. U ghalhekk ma jistax jezisti qatt di fronti ghall-kontraent l-iehor, anki jekk dan kien in buona fede ghaliex quod nullum est, nullum producit effectum".*

*Fl-istess sens hija d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Debono vs Matthews",** deciza fl-24 ta` Ottubru, 1966."*

Fid-**Digesto Italiano** (Mandato Civile - Vol. XV pte.I para.170 pag. 424) **Angelo Olivieri** jfisser l-obbligi tal-mandatarju bil-mod segwenti :

*"In primo e` tenuto il mandatario a eseguire totalmente il mandato, nel modo voluto dal mandante con la diligenza di un buon padre di*

*famiglia. In secondo e`obbligato, nel compiere il mandato affidatogli, a non eccederne i limiti. In terzo deve eseguire il mandato personalmente, potendo solo in determinati casi sostituire a se` altri. In ultimo, obbligo suo e`quello di dare al mandante il conto della tenuta gestione, corrispondendo tutto cio` che ha percepito in forza del mandato."*

Dwar il-mod ta` l-esekuzzjoni tal-mandat, l-istess awtur ikompli jispjega fil-para.174, pag.425, illi :-

*"Il mandatario deve inoltre scupolosamente compiere l`affare nel modo espressamente o tacitamente prescritto dal mandante, e non a suo arbitrio. La forma, consistente nel complesso degli elementi intrinseci del mandato, espressamente fermata dal mandante, traccia e indica la via che il mandatario deve seguire e dalla quale non puo` menomanente discostarsi. E va escluso al riguardo ogni abitrio del mandatario, poiche`, anche se il mandante non ha espresso il modo come il mandato deve esser eseguito, deve il madatario strettamente attenersi agli usi e alle consuetudini rigurdanti il modo di espletare esso affare, ai quali si presume che il mandante tacitamente si rimise, e che esso volle dal mandatario rispettati".*

Dwar ir-responsabilita` tal-mandatarju ghall-ghemil doluz, jinghad fil-para. 178, pag 426, illi :-

*"La responsabilita` del mandatario per il dolo risponde ai principi generali che regolano i conratti, essi sono stati particolarmente dal legislatore applicati in tema del mandato, giusta l`antichissimo insegnamento di Cicerone e poi degli giureconsulti, secondo i quail non meritava scusa, considerazione alcuna il dolo."*

Dwar l-obbligu tal-mandatarju li jaghti kont ta` dak li jkun ghamel f`isem il-mandant, jinghad fil-para. 200, pag 433, illi :-

*"E` in fine il mandatario obbligato di rendere conto del proprio operato, e corrispondere al mandante*

*tutto quello che ha ricevuto in forza del mandato, quantunque non fosse dovuto al mandante. Essenziale al mandato si e` tale obbligo, fondato su principi di moralita` e giustizia, dappoiche chiunque amministra le cose altrui e` tenuto a darne conto e per assodare l`espletamento dell`obbligi assunto, e per accettare le possibili responsabilita` incorse. Compie un affare per conto del mandante, il mandatario, onde non puo` esimersi dal renderne, eseguitolo, esatto conto al mandante e nell`interesse di questo e nel proprio, importandogli, onestamente espletata la tenuta gestione, provare con un conto leale ed esatto, cio`che deve o gli si deve."*

Dwar il-fakoltà tal-mandat li jitlob ir-rexxisjoni ta' att maghmul bi frodi tad-drittijiet tieghu il-**Laurent** fil-**Principi di Diritto Civile** Vol. XXVIII, para. 57, p. 43., ighid :-

*Quando il mandatario, munito d'una procura che gli dà una facoltà apparente, contratta con terzi in frode del mandante questi non è meno tenuto verso di loro, supposto che i terzi siano in buona fede, poiché è per la loro buona fede ch`essi hanno azione contro il mandante. Se sono in mala fede, vale a dire se sanno che il mandatario abbusa d`una facoltà apparente, ma che in realtà agisce senza facoltà, non possono più avere alcuna azione perché sarebbe un`azione fondata sul dolo. È stato giudicato in questo senso che una vendita fatta dal mandatario, allà infuori del suo mandato e colla complicità del compratore, può essere annullata.*

Ghalhekk f`kaz li mandatarju jinqeda hazin bis-setgha fdata lilu, xorta jorbot lill-mandant fil-konfront ta` terzi, sakemm dawn ikunu in bona fide u mhux komplici mal-mandatarju fl-abbuz.

## VI **Risultanzi**

Is-socjeta` attrici kienet inkorporata fis-6 ta` Ottubru 1997. Rega` kienet registrata fl-1 ta` Jannar 2007 skont il-ligi tal-British Virgin Islands (ara l-*memorandum of association* u l-*articles of association* a fol 7 sa 20). Fl-*objects clause* jinghad illi s-socjeta` taghmel negozju konsistenti minn

*collection and preservation of primitive art, with a view of eventually trading such art.* (fol 278).

Skont ic-*certificate of incumbency* tas-socjeta` attrici datat 15 ta` Marzu 1999, in-numru ta` registrazzjoni taghha huwa IBC No 251483. Henri Baudet huwa ndikat bhala Direttur/President ; Francis Bossart bhala direttur/Vice-President u Josiane Bossart bhala direttur/segretarju. Dawn ilkoll kellhom *individual signatory rights.* Kien hemm imnizzel ukoll illi *the board of directors can execute all powers of the company.*

Skont l-Art 10 tal-*articles of association* :

> *the director`s signature rights are vested by the Appointment of First Directors subscribed by the Registered Agent when the first directors are appointed, thereafter by a resolution of either the shareholders or directors. If a sole director is appointed, the person so appointed shall have individual signature rights. If two or more directors are appointed, then unless the Appointment of First Directors provides otherwise the Directors shall have the right to sign jointly by two.*
>
> *The signature of a sole director or any single director if more than two shall be sufficient to bind the Company. A sole director or any single director if more than two shall have full power to act on behalf of the company, with respect to all matters unless the Act, the memorandum or these Articles, requires such matters to be authorised by the shareholders.*

Fost is-setghat tad-diretturi kien hemm :-

> *11.1 The business and affairs of the Company shall be managed by, or under the direction or supervision of, the directors of the Company. The directors of the Company have all the powers necessary for managing, and for directing and supervising, the business and affairs of the Company. The directors may pay all expenses incurred preliminary to and in connection with the incorporation of the Company and may exercise all such powers of the Company as are not by the Act or*

*by the Memorandum or the Articles required to be exercsised by the Shareholders.*

*11.2 Each director shall exercise his powers for a proper purpose and shall not act or agree to the Company acting in a manner that contravenes the Memorandum, the Articles or the Act. Each director, in exercising his powers or performing his duties, shall act honestly and in good faith in what the director believes to be the best interests of the Company.*

Fir-rikors guramentat, kif ukoll fl-att ta` l-akkuza li hareg kontra l-konvenut Baudet fil-Canton ta` Geneva, jirrizulta li sa mis-sena ta` registrazzjoni, il-kumpannija attrici hatret lil Allied Services SA bhala fiducjarja taghha, u din min-naha taghha hatret lil Henri Baudet sabiex jagixxi f`isimha, fl-interess u fuq struzzjonijiet tas-socjeta` attrici beneficjarja. L-istess Baudet kien ukoll direttur u President ta` s-socjeta` attrici.

Fid-Dok SWM 2 a fol 271 sa 354, hemm spjegat li Henri Baudet kellu zewg rwoli fis-socjeta` attrici ossija dak ta` *President of the plaintiff company but also acting in the interests of PAA in his role as (ii) actuator of the fiduciary agreement signed on the 22nd December 1997 between PAA and Allied Services SA.* Baudet kellu jassikura illi *not only that he conducts his functions in the best interest of PAA as President of same, but was also to ensure that he acts with due diligence when doing his duties and functions, as mandated by the fiduciary agreement.*

Ladarba l-kawza attrici saret abbazi tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar il-mandat, l-ezami li ser taghmel il-Qorti mhuwiex ser jizvolgi ruhu fuq dak li direttur ta` kumpannija obbligat li jaghmel, izda dwar il-persuna tal-mandatarju u dak li kellu jaghmel in vista tal-mandat li kellu. Il-kuntratt ta` mandat b`rapprezentanza johloq relazzjoni ta` fiducja li ggib maghha drittijiet u obbligazzjonijiet bejn il-mandant u l-mandatarju. Bhal kull obbligazzjoni ohra, l-obbligazzjoni li kellu l-konvenut Baudet bhala mandatarju kien li jwettaq l-inkariku tieghu *in bona fide* u fl-interess ta` hadd hlief tal-mandant tieghu, ossija s-socjeta` attrici.

Abbazi tal-provi, irrizulta li kien hemm diversi transazzjonijiet mhux awtorizzati, fejn ammonti kbar ta` flus kienu trasferiti minn kont bankarju tas-socjeta` attrici fl-Isvizzera ghal kontijiet li kien hemm Malta fil-Bank of Valletta u li taghhom kienu titolari uhud mill-konvenuti. Abbazi tax-xiehda

ta` Pierre Amrouche, *beneficial owner* tas-socjeta` attrici, huwa qatt ma awtorizza t-trasferiment ta` flus lejn Malta. Fil-fatt huwa qatt ma kellu negozju mal-konvenuti titolari ta` dawk il-kontijiet ; u lanqas awtorizza lil Baudet sabiex ghan-nom tieghu jew ghan-nom tas-socjeta` attrici jaghmel neozju ma` dawk il-persuni.

Dawn il-fatti jirrizultaw ukoll mill-atti relatat mal-proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra Henri Baudet fil-Canton ta` Geneva fl-Isvizzera. F`dak il-procediment, Baudet ammetta li huwa trasferixxa fondi tas-socjeta` attrici bla ma kien awtorizzat.

Fis-sentenza moghtija fis-17 ta` Mejju 2013 mill-*Police Court in the Canton of Geneva* fil-kawza l-ismijiet : **<u>Mr Pierre Amrouche & Primitive African Art Limited vs Henri Baudet</u>** jinghad :

> *Says that Henri Baudet is guilty of breach of trust (Section 138 2 SCC), unfair management (Section 158 1,1 and 3 scc) and forgery (Section 251 1 SCC)*
>
> *Sentences him to a term of imprisonment of 24 months (Section 40SCC).* (fol 291)

Kif kien rimarkat aktar kmieni, l-Art 1880(2) tal-Kodici Civili jghid li l-mandant mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta` dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil.

Fil-kaz odjern, jirrizulta car li Henri Baudet agixxa barra mil-limiti tas-setghat moghtija lilu, u minn imkien ma jirrizulta, lanqas remotament, li s-socjeta` attrici, espressament jew tacitament, irratifikat l-agir tieghu.

Baudet agixxa certament ben oltre l-limiti tal-poteri tieghu, u kwindi ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu fil-konfront tas-socjeta` attrici.

## VII. <u>Responsabbilita` solidali</u>

Is-socjeta` attrici qeghda titlob illi l-konvenuti l-ohra jinzammu solidament responsabbli fil-konfront taghha flimkien mal-konvenut Baudet.

Il-Qorti trid tezamina jekk il-konvenuti l-ohra humiex legittimi kontraditturi tas-socjeta` attrici peress li minn dak li rrizulta mill-provi mhux jirrizulta ness guridiku dirett bejn il-konvenuti l-ohra u s-socjeta` attrici.

Din il-Qorti tinnota li d-disposizzjonijiet relatati mal-istitut tal-mandat u li fuqhom kienet ibbazata l-kawza jipprovdu ghal dritt ta` rifuzjoni u dritt ghal hlas ta` danni fil-konfront tal-mandatarju, izda u mhux ukoll fil-konfront ta` terzi persuni li jkunu kkontrattaw mal-mandatarju.

Mill-provi, irrizultaw dawn il-fatti :-

i. **Maher Mellouli** ghandu kont f`ismu ma` Bank of Valetta plc u huwa direttur ta` Sealandair Energy International Limited, Best Inter Limited, Gencon International Limited u Mediterranean Oil Trader Limited.

ii. **Dirk Borgers** ghandu kont f`ismu ma` Bank of Valletta plc.

iii. **Henri Baudet** huwa direttur ta` Syaufin Southern Europe Limited li ghandha bhala azzjonista lil Fiduciary Trust Limited (fol 278). Syaufin Southern Europe Limited ma ghandhiex kontijiet ma` Bank of Valletta plc.

iv. **S.C.I Consultants Limited** ghandha lil Sabria Mabruk El Marimi bhala direttur, azzjonista u firmatarja.

v. **Sealandair Energy International Limited** ghandha bhala azzjonista lil Best Inter Limited.

vi. **Best Inter Limited** ghandha bhala diretturi u azzjonisti lil Maher Mellouli u lil Mohammed Ali Zaini.

vii. **Gencon International Limited** ghandha bhala azzjonisti lil Maher Mellouli u lil Best Inter Limited.

viii. **Mediterranean Oil Traders Limited** ghandha lil Maher Mellouli bhala azzjonista.

Abbazi ta` dokumenti esebiti mir-rapprezentanti ta` Bank of Valletta plc jirrizulta li sar dan ic-caqlieq ta` flus mis-socjeta` attrici favur uhud mill-konvenuti :-

i. Trasferiment lil Best Inter Limited ta` EUR 95,000 fit-12 ta` Mejju 2009 (fol 214) ;

ii. Trasferiment lil Best Inter Limited ta` EUR 150,000 fit-13 ta` Mejju 2009 (fol 214) ;

iii. Trasferiment lil Best Inter Limited ta` EUR 150,000 fl-14 ta` Mejju 2009 (fol 214) ; u

iv. Trasferiment lil SCI Consultants Limited ta` EUR 125,000 fit-18 ta` Jannar 2010 (fol 166).

Dawn huma l-unici transazzjonijiet li fihom jidher evidenti li kienet direttament involuta l-kumpannija rikorrenti.

Is-socjeta` attrici allegat fir-rapport DOK SWM 2 illi kien hemm diversi transazzjonijiet ohra fejn flus taghha marru ghand kumpanniji ohra (mhux konvenuti fil-kawza tal-lum) jew persuni ohra li huma estranji ghal din il-kawza, u li mbaghad dawn ghaddew flejjes lil xi wiehed mill-konvenuti odjerni (ara fol 281 sa 284).

Kienu senjalati wkoll transazzjonijiet li allegatament kienu suspettuzi (ara fol 284 sa 291).

Din il-Qorti m`ghandhiex prova ta` dawn.

Il-fatt li kienu ndikati bosta transazzjonijiet fid-Dok SWM2 ma jfissirx li l-Qorti ghandha taccetta minghajr sostenn jew korraborazzjoni dak li jinghad fir-rapport.

Dak li l-Qorti tista` biss tiehu konjizzjoni tieghu huma dawk it-transazzjonijiet li saru direttament mill-kont tas-socjeta` attrici lill-konvenuti u li kienu konfermati u korraborati bl-statements tal-Bank of Valletta plc.

F`ghajnejn din il-Qorti, il-fatt li kien hemm transazzjonijiet suspettuzi ma jfissirx li b`daqshekk kienet ippruvata l-konnessjoni bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti. Dak li rrizulta kien li kien hemm transazzjonijiet li ghaddew direttament mis-socjeta` attrici lil uhud mill-konvenuti, ossija Best Inter Limited u SCI Consultants Limited.

Huwa minnu li kontra Maher Mellouli u Mediterranean Oil Trading Limited ittiehdu proceduri kriminali fil-Belgju dwar flejjes li dawn mizapproprjaw lil terzi dwar zejt Libjan. Dawn instabu hatja (ara fol 44 sa 61) izda sar appell li kien deciz fit-30 ta` April 2013. (ara fol 356 sa 366). Fid-decizjoni jinghad :-

> *Receives the appeals within the limits set out above.*
>
> *Confirms the judgement undertaken, the consideration appearing in the last paragraph of page 14 of the judgement being excepted,*
>
> *-under the emendation, decided unanimously, that it is not appropriate to suspend the two-year prison sentence delivered against the defendant ;*
>
> *-and with the clarification that the term of five years, banning the defendant from practicing any profession, will come into effect following this ruling, that the compensation of EUR 25 is increased to EUR 51.20 and that the contribution to the fund established by the Law of 1 August 1983 is increased to EUR 150.*

Din il-Qorti hija sprovvista mill-provi dwar l-allegata relazzjoni **indiretta** li kien hemm bejn is-socjeta` attrici u Maher Mellouli.

Ma tressqux provi li juru li kien hemm flus li ghaddew mis-socjeta` attrici favur Maher Mellouli.

Il-fatt li Maher Mellouli kien involut fil-bicca l-kbira tal-kumpanniji konvenuti, kif ukoll il-fatt li d-diversi kumpanniji konvenuti kellhom varji trasferimenti ta` flus bejniethom ma jikkostitwux prova sal-grad rikjest mil-ligi li dawn kienu qed jutilizzaw flus li kienu gew ghandhom minghand is-socjeta` attrici minghajr l-awtorizzazzjoni taghha.

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici*

*supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).*

…

*il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

…

*Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*

**Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti l-ohra, hlief ghal Henri Baudet, Best Inter Limited u SCI Consultants Limited, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju,**

**Fil-kaz ta` Henri Baudet, il-Qorti diga` sabet responsabilita` kif inghad aktar kmieni.**

**Irrizultat ippruvata l-*mala fede* ta` Baudet li agixxa oltre l-limiti tal-mandat tieghu.**

**Fil-kaz ta` Best Inter Limited u SCI Consultants Limited, u cioe` jekk kienx hemm *mala fede* da parti taghhom fit-transazzjonijiet li fihom kienu nvoluti fondi tas-socjeta` rikorrenti, il-Qorti tqis li ma kenitx ippruvata l-*mala fede* ta` dawn fil-konfront tas-socjeta` attrici.**

Irrizulta li kien hemm numru ta` transazzjonijiet mhux awtorizzati li sehhew sabiex allegatament jigi ffinanzjat *projet libyen* f` liema progett kienu nvoluti Henri Baudet u Dirk Borgers (ara l-premessa nru 10 tar-rikors guramentat). Eppure ma tressqux provi li Dirk Borgers kien *in mala fede* meta kkuntratta ma` Henri Baudet li allegatament kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta` attrici. Ma kienx ippruvat illi Borgers kien jaf illi Baudet kien qed jagixxi oltre l-mandat tieghu.

Il-Qorti tirriafferma illi hija sejra toqghod kif obbligata taghmel fuq il-binarji tal-azzjoni kif impostata mis-socjeta` attrici u cioe` il-mandat.

Ma ssibx li Best Inter Limited u SCI Consultants Limited ghandhom jigu ritenuti solidalment responsabbli ma` Henri Baudet.

**VIII. Likwidazzjoni**

Kien ippruvat illi Henri Baudet kiser il-fiducja riposta fih u ghandu jwiegeb ghall-ghemil tieghu, kif tghid il-ligi stess.

Is-socjeta` attrici qeghda titlob il-likwidazzjoni u l-kundanna hlas tal-ammont li kienet svestita minnu kif ukoll id-danni.

Fejn jidhlu d-danni, il-Qorti tfakkar li d-danneggjat mhux biss ghandu l-jedd tar-risarciment ghat-telf jew hsara li jkun garrab izda ghandu wkoll l-obbligu li jimmitiga d-danni.

Fis-sentenza moghtija fis-17 ta` Mejju 2013 mill-*Police Court in the Canton of Geneva* fil-kawza l-ismijiet : **Mr Pierre Amrouche & Primitive African Art Limited vs Henri Baudet** jinghad :

> *Notes that Henri Baudet agrees to civil findings formed by Pierre Amrouche and Primitive African Art Limited*

*(Section 124 al. 3CPC), recognizing owing them EURo 4,241,773.71, USD 1,194,190.81, CAD 1,337,262.64, bearing interest in arrears at a rate of 5% from May 21, 2010 and a lump sum amount of CHF 200,000 for Pierre Amrouche and Primitive African Art imited`s legal fees (Marc Bonnant and Suzanne Wolfe Martin, Lawyers), which amounts will be deducted from the amounts collected in France on the basis of the final judgement of the `Tribunal de Grande Instance de Thonon-le-bains » of November 10, 2011 sentencing Henri Baudet to pay Pierre Amrouche the sum of EURO 5,600,000.* (fol 291 u fol 367 sa 371)

Imbaghad fil-mandat ta` sekwestru kawtelatorju li sar fil-qrati Maltin kienet indikata s-somma ta` EUR 6,500,000.00. (ara fol 41 sa fol 43).

Kif irrimarkat aktar kmieni, il-Qorti sejra tqis fil-likwidazzjoni li ser taghmel dawk l-ammonti li dahlu fil-Bank of Valletta plc direttament minghand is-socjeta` attrici ghal go kontijiet tal-konvenuti biss.

Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed huwa pretiz fid-Dok SWM 2 a fol 292 sa 293, huma s-segwenti ammonti li hija ser tqis ghall-fini ta` likwidazzjoni :-

i) EUR 95,000 –
Trasferiment minn Primitive African Art Limited lil Best Inter Limited fit-12 ta` Mejju 2009 ;

ii) EUR 150,000 –
Trasferiment minn Primitive African Art Limited lil Best Inter Limited fit-13 ta` Mejju 2009 ;

iii) EUR 150,000 –
Trasferiment minn Primitive African Art Limited lil Best Inter Limited fl-14 ta` Mejju 2009 ;

iv) EUR 125,000 –
Trasferiment minn Primitive African Art Limited lil SCI Consultants Limtied fit-18 ta` Jannar 2010.

**<u>Total ta` EUR 520,000</u>.**

**Din is-somma ta` EUR 520,000 ghandha tithallas minn Henri Baudet lis-socjeta` attrici.**

Dwar **<u>danni</u>**, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkalkola l-imghax li ntilef mis-socjeta` rikorrenti fuq l-ammont ta` EUR 520,000.

Abbazi tad-decizjoni fuq citata, jidher li Baudet innifsu accetta li fuq l-ammonti tas-socjeta` attrici li dawwar favur tieghu jew favur terzi kellu jhallas imghax ta` 5% b`effett mill-21 ta` Mejju 2010.

Il-Qorti sejra tadopera ir-rata ta` 5% bhala imghax b`effett mid-data li fiha saru t-trasferimenti mhux awtorizzati sal-lum.

Mhijiex sejra tordna li dan l-imghax partikolari jibda jiddekorri sad-data tal-effettiv pagament (i) ghaliex dan il-metodu ta` kalkolu qed jigi utilizzat bhala likwidazzjoni ta` danni sofferti u (ii) ghaliex fuq is-somma globali ta` EUR 520,000 hija ser tordna li jithallas imghax ta` 8% fis-sena mid-data ta` din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Id-danni konsistenti f` imghax mitluf mis-socjeta` attrici kif fuq inghad huma dawn :-

Imghax ta` 5% fuq EUR 95,000
b`effett mit-12 ta` Mejju 2009 sal-lum :
<u>EUR 41,361.87</u>

Imghax ta` 5% fuq EUR 150,000
b`effett mit-13 ta` Mejju 2009 sal-lum :
<u>EUR 65,287.67</u>

Imghax ta` 5% fuq EUR 150,000
b`effett mill-14 ta` Mejju 2009 sal-lum :
<u>EUR 65,267.12</u>

Imghax ta` 5% fuq EUR 125,000
b`effett mit-18 ta` Jannar 2010 sal-lum :
<u>EUR 50,674.11</u>

**<u>Total ta` EUR 222,590.77</u>**

Il-Qorti mhijiex tal-fehma bhas-socjeta` attrici illi d-danni ghandhom jinhadmu fuq profitti li setghu inholqu bl-uzu tal-fondi li kienu mizappproprijati ghaliex il-metodologija li tirrizulta a fol 295 tal-process mhijiex konformi mal-principju tal-mitigazzjoni tal-danni. Apparti dan, il-metodologija per se hija ipotetika fix-xejra taghha fl-ewwel lok ghaliex ma hemm l-ebda prova oggettiva ta` kemm qligh kienet ser taghmel is-socjeta` attrici u fit-tieni lok ghaliex ma kienu prezentati l-ebda xorta ta` *financial statements* tal-kumpannija attrici li jikkorraboraw il-pretensjoni taghha.

Kienet tinkombi lis-socjeta` attrici l-prova tal-fattur tal-qligh meta l-flondi taghha kienu trasferiti minghajr l-awtorizzazzjoni taghha.

Fil-kors tal-kawza, l-attrici ma ghamlet l-ebda talba biex jinhatar espert espert ghall-fini ta` likwidazzjoni.

Fuq nota finali, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Police Court tal-Canton ta` Geneva, Henri Baudet kien jobbliga ruhu li jghaddi lil Pierre Amrouche u lis-socjeta` attrici l-*pension fund annuity* tieghu, il-prezz tal-bejgh ta` erba` bicciet art propjeta` tieghu, u l-bilanci li kellu gewwa kontijiet il-bank li kienu ffrizati (fol 347). Madanakollu, peress li din is-sentenza kienet tirrigwarda ammonti ferm ikbar minn dawk li dwarhom qed issir din il-kawza, il-Qorti mhijiex sejra tiehu in konsiderazzjoni hlasijiet li suppost kellu jaghmel Henri Baudet skont dik id-decizjoni, u sejra tordna li jkun hemm il-hlas kif fuq spejgat.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara lill-konvenut Henri Baudet bhala responsabbli ghall-agir u ghall-komportament tieghu li wassal lis-socjeta` attrici sabiex tkun zvestita minn flusha, u dan bi ksur tal-Art 1856 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tiddikjara u tillikwida s-somma ta` hames mija u ghoxrin elf Ewro (€520,000) bhala l-ammont li s-socjeta` attrici kienet zvestita minnu bhala konsegwenza tal-agir u tal-komportament tal-konvenut Henri Baudet.**

Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut Henri Baudet sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma likwidata ta` hames mija u ghoxrin elf Ewro (€520,000) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Riferibbilment ghar-raba` talba, tillikwida fl-ammont ta` mitejn tnejn u ghoxrin elf hames mija u disghin Ewro sebgha u sebghin centezmu (€222,590.77) id-danni li garrbet is-socjeta` attrici bhala konsegwenza tal-agir u tal-komportament tal-konvenut Henri Baudet u tikkundanna lill-istess konvenut Henri Baudet sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Tichad it-talbiet kollha tal-kumpannija attrici kif dedotti fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Tikkundanna lill-konvenut Henri Baudet sabiex ihallas l-ispejjez tas-socjeta` attrici,

Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez tal-konvenuti l-ohra u l-ispejjez tal-kuraturi deputati.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur